

32004R0429

3.9.2004

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 70/29

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 429/2004**  
**ta' l-4 ta' Marzu 2004**  
**li jiffissa l-ammont tal-ħażna privata ta' ċerti prodotti mis-sajd fis-sena tas-sajd 2004**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitá Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti mis-sajd u l-akwakultura <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2813/2000 tal-21 ta' Diċembru 2000 li jstabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 rigward il-konċessjoni ta' għajjnuna għall-ħażna privata ta' ċerti prodotti mis-sajd <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-għajjnuna ma għandhiex taqbeż is-somm ta' l-ispejjeż tekniċi u finanzjarji rreġistrati fil-Komunitá matul is-sena tas-sajd li tiġi qabel is-sena fil-kwistjoni.
- (2) Għalbiex tiskoraġġixxi l-ħażna fuq skond fit-tul, għalbiex tqassar iż-żmenijiet tal-ħlas u għalbiex tnaqqas il-piż tal-kontrolli, il-għajjnuna għandha titħallas f'pagament wieħed.

- (3) Il-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Prodotti mis-Sajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sena tas-sajd 2004 l-ammont tal-għajjnuna għall-ħażna privata għall-prodotti elenkati fl-Anness II mar-Regolament (KE) Nru 194/2000 għandu jkun kif ġej:

- fl-ewwel xahar: EUR 200 għal kull tunnellata metrika,
- fit-tieni xahar: EUR 0 għal kull tunnellata metrika.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2004.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-4 ta' Marzu 2004.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 17, tal-21.1.2000, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 326, tat-22.12.2000, p. 30.